

Brussell, 3 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

13392/25

SOC 633
ANTIDISCRIM 89
FREMP 256

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Immexxu 'l quddiem id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità fl-UE: sfidi, progress u direzzjonijiet futuri - <i>Skambju ta' fehmiet</i>

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża n-nota ta' gwida mill-Presidenza dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq, bil-ħsieb tal-iskambju ta' fehmiet tal-Kunsill (EPSCO) tas-17 ta' Ottubru 2025.

Immexxu 'l quddiem id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità fl-UE: sfidi, progress u direzzjonijiet futuri

Introduzzjoni

L-Unjoni Ewropea hija msejsa fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, l-ugwaljanza, u r-rispett għad-drittijiet fundamentali. Fi żmien meta qed jitqajmu dejjem aktar dubji dwar dawn il-valuri u qed jiġu kkontestati f'ħafna partijiet tad-dinja, l-Unjoni Ewropea tibqa' promotur sod għall-inklużjoni, l-ugwaljanza u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem.

Il-promozzjoni tan-nondiskriminazzjoni u l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd — inkluż għal persuni b'diżabilitajiet — mhijiex biss integrali biex jinżammu l-valuri ewlenin tagħna iżda hija essenzjali wkoll biex jitrawwem it-tkabbir inklużiv u jissaħħu l-kompetittività u r-reżiljenza fit-tul tal-ekonomija tagħna. Soċjetà inklużiva hija ta' benefiċċju għal kulħadd u tikkontribwixxi għal Unjoni aktar innovattiva, koeżiva u produttiva. B'hekk, it-twettiq sħiħ tal-potenzjal ta' persuni b'diżabilità mhuwiex biss responsabbiltà morali iżda wkoll imperattiv soċjali u ekonomiku.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, jibqa' essenzjali li d-drittijiet tal-persuni b'diżabilità jitmexxew 'l quddiem fl-oqsma kollha ta' politika u li tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-impenji tal-UE kif stabbilit hawn taħt.

Kuntest

L-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021–2030 tipprevedi qafas ta' politika komprensiv biex jitmexxew 'l quddiem id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità. Adottata fl-2021, l-Istrateġija tappoġġa l-implimentazzjoni sħiħa tal-**Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (UNCRPD)**, li l-UE u l-Istati Membri kollha huma partijiet għaliha. Dan jirrifletti l-prinċipji stabbiliti fil-**Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali**, b'mod partikolari l-Prinċipju 3 (opportunitajiet indaqs) u l-Prinċipju 17 (l-inklużjoni ta' persuni b'diżabilità).

Tnedew diversi inizjattivi ewlenin fil-livell tal-UE skont din l-Istrateġija, inkluż:

- Id-Direttiva dwar il-**Kard Ewropea tad-Diżabilità**, li għandha l-għan li ttipromwovi l-libertà tal-moviment tal-persuni b'diżabilità billi tagħti aċċess ugwali għal kundizzjonijiet speċjali u trattament preferenzjali offrut lill-persuni b'diżabilità madwar l-UE;
- Il-**Pjattaforma tad-Diżabilità**, li tipprovdi forum għall-kooperazzjoni u l-iskambju tal-aħjar prattika bejn l-Istati Membri, is-soċjetà ċivili u l-istituzzjonijiet tal-UE fil-qasam tad-diżabilità;
- **AccessibleEU**, ċentru ta' riżorsi li jiffaċilita l-kondiviżjoni ta' informazzjoni u eżempji ta' prattika tajba dwar l-aċċessibbiltà fis-setturi kollha; u
- **Gwida dwar l-għajxien indipendenti u l-inklużjoni fil-komunità ta' persuni b'diżabilità fil-kuntest ta' finanzjament tal-UE**, inkluż rakkomandazzjonijiet għal titjib fl-appoġġ ibbażat fil-komunità u d-deistituzzjonalizzazzjoni.

Sfidi

Filwaqt li dawn l-isforzi jikkostitwixxu progress sinifikanti, għad hemm ostakli ewlenin. Il-persuni b'diżabilità madwar l-Unjoni Ewropea għadhom jiltaqgħu ma' ostakli strutturali u mifruxa u diskriminazzjoni f'diversi sferi tal-ħajja — inkluż l-edukazzjoni, l-impjiegi, l-aċċess għas-servizzi, u l-għajxien indipendenti. L-esperjenzi awtodikjarati ta' diskriminazzjoni żdiedu matul dawn l-aħħar ħames snin f'diversi Stati Membri (Ewrobarometru¹). B'mod parallel, l-għadd ta' persuni b'diżabilità li jirrisjedu f'ambjenti istituzzjonali ma naqasx b'mod sinifikanti jew saħansitra f'xi każijiet żdied matul l-aħħar għaxar snin (Eurofound²), u dan jindika ostakli persistenti għat-twettiq ta' sistemi ta' appoġġ inklużivi u aċċessibbli bbażati fil-komunità. Għadhom jippersistu ostakli legali għal xi persuni b'diżabilità li spiss ikunu ristretti jew imċaħħda mill-kapaċità ġuridika tagħhom. Minkejja l-progress miksub, l-iżgurar ta' aċċess effettiv għall-informazzjoni, il-prodotti u s-servizzi jibqa' sfida. Ir-restrizzjonijiet għall-kapaċità ġuridika, kif ukoll l-aċċessibbiltà limitata, huma ostakli għall-parteeipazzjoni ta' persuni b'diżabilità fil-proċess demokratiku.

Barra minn hekk, il-persuni b'diżabilità għadhom sottorappreżentati b'mod sinifikanti fis-suk tax-xogħol: id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabilità laħqet l-24 punt perċentwali fl-2024 b'madwar 51 % tal-persuni b'diżabilità fl-età ta' bejn 20 u 64 sena li kienu impjegati meta mqabbla ma' 75 % tal-persuni mingħajr diżabilità (Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali). Barra minn hekk, il-persuni b'diżabilità għadhom jiffaċċjaw riskju konsiderevolment ogħla ta' faqar jew esklużjoni soċjali meta mqabbla ma' persuni mingħajr diżabilità (Eurostat, EU-SILC).

¹ Ir-Rapport Speċjali 535 tal-Ewrobarometru April-Mejju 2023, id-Diskriminazzjoni fl-Unjoni Ewropea, [Discrimination in the European Union - Diċembru 2023 - - Stħarriġ tal-Ewrobarometru](#)

² Eurofound (2024), Paths towards independent living and social inclusion in Europe, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu.

Minbarra l-isfidi persistenti fil-prattika, għad hemm ukoll lakuni fil-leġiżlazzjoni tal-UE kontra d-diskriminazzjoni, inkluż għal raġunijiet ta' diżabilità. In-negozjati li għaddejjin dwar id-**Direttiva Orizzontali għall-Ugwaljanza fit-Trattament** proposta, ippreżentata fl-2008, għadhom imxekkla mill-isfida li jiġi ssodisfat ir-rekwiżit tal-unanimità.

Għan tal-iskambju ta' fehmiet

Dawn l-isfidi jenfasizzaw il-ħtieġa għal implimentazzjoni u riformi msaħħa tal-politika fil-livell tal-UE u dak nazzjonali, kif ukoll għal dialoġu kontinwu fil-livell politiku. Dan hu partikolarment importanti bħalissa, peress li l-2025 timmarka nofs triq fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija. Dan hu l-mument opportun biex jiġi vvalutat il-progress u titħaffef l-azzjoni.

Għaldaqstant, il-ministri huma mistiedna jqisu l-progress li sar matul l-ewwel nofs (2021-2025) tal-Istrateġija dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità 2021-2030, jidentifikaw il-progress u l-ostakli li fadal, u jiddiskutu azzjonijiet possibbli biex jitmexxew 'l quddiem id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità. Dan l-għarfien għandu jservi bħala kontribut għat-tieni nofs tal-Istrateġija, filwaqt li jappoġġa l-isforzi kontinwi biex titmexxa 'l quddiem il-ħidma f'dan il-qasam ta' politika importanti kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali.

F'dan il-kuntest, il-Ministri huma mistiedna jwieġbu l-mistoqsijiet li ġejjin:

1. *Fil-fehma tiegħek, x'inhuma l-aktar miżuri u għodod ta' politika importanti biex ikomplu jiġu promossi d-drittijiet tal-persuni b'diżabilità? F'liema oqsma fadal l-aktar sfidi urġenti?*
2. *X'għandhom ikunu l-prijoritajiet ewlenin għat-tieni nofs (2025–2030) tal-Istrateġija għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità? Kif tista' l-Istrateġija tappoġġa b'mod aktar effettiv ir-riformi u l-implimentazzjoni ta' leġiżlazzjoni u politiki relatati mad-diżabilità?*